# IL-MIXJA TA' 75 SENA PARROĊĊA

Ir-raħal ta' Sta. Venera sar Paroċċa fl-4 ta' Settembru 1918, dan ma jfissirx li dawn l-inħawi ma kienux abitati. Skond it-tradizzjoni, waħda mill-Qaddisin li wara San Pawl u bħal San Pawl ġew Malta kienet Santa Venera V.M. minn Acireale fi Sqallija, l-eqreb gżira lejn Malta. X'ifakkarna fil-miġja tagħha f'artna, għandna Katakombi li ġewwa r-Rabat baqa' bl-isem ta' Santa Venera. Maż-żmien il-qima lejn dik il-Qaddisa li darba kienet fostna, kibret hekk tant f'qalb missirijietna li xejn inqas waqfu Knejjes f'ġieħha kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Knisja minnhom kienet dik li twaqqfet madwar il-1473 ġewwa Birkirkara qrib ix-xagħra ta' San Ġużepp jew il-Ħamrun tal-lum, u fuq ir-riħ ta' l-Imsida, f'dak iż-żmien magħruf biss bħala l-Wied tal-Kunċizzjoni.
Inbniet hemm x'aktarx li isem il-Qaddisa Santa Venera inissi kif tassew nessa għal kollox l-isem ta' (Venere) li dak il-post kien ħa qabel mit-tempju li fi żmien il-paganiżmu kien hemm li twaqqaf f'ġieħ l-Alla falz (Venere). U meta ħmistax il-sena wara, fl-assedju l-kbir, dik il-Knisja ġġarfet, missirijietna reġgħu ħasbu u bnewa mill-ġdid infatti minn Vizta Pastorali ta' l-Isqfijiet Djoċesani ġewwa Birkirkara nafu li hemm fost knejjes oħra sabu dik ta' Santa Venera b'ċimiterju magħha li kien iservi għad-dfin tas-suldati frustiri li kellna jiddefendu lill-Artna fi żmien il-kavallieri. Għalkemm kienet miżmuma b'għożża kbira u mdaqsa ġmielha għal dawk iż-żmienijiet, missirijietna ħasbu biex jibnu Knisja oħra proprju dik li naraw illum li kienet lesta fl-1688.
Għalkemm din il-Knisja u dawk li kien hemm qabilha jmorru lura sa mill-1473 dan ma jfissirx li dawn l-inħawi qatt ma kienu abitati. Xiehda ċara ta' dan jagħtihilna n-numru ta' oqbra imħaffrin li sabu. Dawn l-oqbra li nstabu fin-naħa ta' Fleur-de-Lys, ta' Bugeja u Triq Qormi jagħtuna x'nifmu li fi żmien li Malta kienet maħkuma mill-Feniċi, l-inħawi ta' Sta. Venera kienu diġa abitati. Maż-żmien in-nies baqgħet tabita f'dawn l-inħawi. Xi nies isostnu li wara l-Knisja l-Qadima nstabu fdalijiet ta' żmien il-ħakma Rumana li bħal ma għidna qabel jistgħu ikunu l-fdalijiet tat-tempju t' Alla (Venere). Fil-milja tas-snin bdew telgħin xi djar u bdew jiffurmaw bħal irħula żgħar bħal ngħidu aħna Ħal Kaprat, l-Imrieħel, u Misraħ il-Barrieri. Dan Misraħ il-Barrieri ħa ismu mill-kwantita kbira ta' barrieri li kienu saru meta l-Kavallieri bdew jibnu l-Belt Valletta u inqata l-ġebel proprju minn dan il-post. Fi żmien il-Kavallieri tela' numru ta' bini mhux ħażin bħal Akwadott li kien bnieh il-Granmastru Fra Alof de Wignacourt. Dan huwa wieħed mill-iktar bini importanti li għandna f'Sta. Venera u anke f'Malta. Dan il-proġett kien sar proprju biex jitwassal l-ilma mir-Rabat għal-Belt Valletta u kien ħallas għalih il-Granmastru Wignacourt minn butu. Il-bini ta' dan l-



*Fir-ritratt tidher il-Knisja l-Qadima u Matriċi minn wara bil-Kunvent u bl-egħlieqi ta' madwar il-Knisja. Illum minflok dawk l-egħlieqi hemm il-Kulleġġ u l-bitħa tiegħu.*

Akkwedott beda fid-9 ta' Jannar 1610 u l-ilma twassal il-Belt nhar il-21 t' April 1615 fi Pjazza San Ġorġ, illum magħrufa bħala Misraħ il-Palazz. L-arkati li għandna naraw sal-ġurnata tal-lum, inbnew minn H'Attard sa Sta. Venera fejn jieqfu f'dik li aħna nafuha bħala t-turretta ta' San Ġużepp. Dawn saru biex inġieb id-diżlivell ta' l-art li iltaqgħu miegħu waqt il-bini ta' l-akkwedott fejn imbagħad mit-turretta l-isfel, l-akkwedott ikompli taħt l-art, jgħaddi mill-Hamrun u jibqa sejjer sal-Belt.

Granmastru ieħor li ħallilna bini minn tiegħu huwa Fra Antonio Manoel de Vilhena li kellu għal qalbu fost l-oħrajn din il-parti tal-gżira ta' Malta. F'dawk l-inħawi u qrib il-Knisja ta' Santa Venera bena għalih Villa bi ġnien mill-isbaħ magħrufa sal-lum bħala Casa Leone jew inkella id-Dar ta' l-Iljuni. Meta dan il-Granmastru bena l-fortizza Manoel, fuq il-gżira ta' Marsamxett, (gżira Manoel), hu ried jaddotta' b'fondazzjoni kbira biex ma jonqsux il-mezzi meħtieġa għat-tmexxija tal-Fortizza. F'din il-fondazzjoni insibu li l-Granmastru xtara diversi artijiet fl-inħawi tal-Knisja ta' Sta. Venera. Waħda minn dawn il-bċejjeċ ta' art, il-Granmastru għamilha ġnien u semmieh ta' Santa Veneranda jew Santa Venera, filwaqt li l-ġnien tal-Villa tiegħu semmieh ta' San Ġużepp, illlum ġnien pubbliku bl-isem ta' Romeo Romano.

## DOM MAWRU CARUANA

GHALL-GRAZZJA T'ALLA U S-SEDE APOSTOLIKA
ARCISQOF TA' RODI U ISQOF TA' MALTA

*Ghezież huti u maħbubin uliedi,*

*Dik il-parti tad-Djoćesi Tagħna, magħrufa bl-isem ta' Santa Venera, li diġa' tifforma parti mill-Parroćći ta' Birkirkara, Hamrun, Msida u Hal Qormi, f'xi żmien b'hadd ma jgħix fiha u issa nistgħu ngħidu mimlija bil-fidili li minħabba f'hekk saret ħaġa iebsa li jiltaqgħu mal-Kappillan tagħhom jew Ragħaj biex jieħdu mingħandu l-ikel tal-Kelma Divina, l-aktar it-tagħlim tal-katekiżmu kif ukoll il-ħarag tas-Sagramenti fit-tmiem tal-ħajja, gibdu l-ħsieb tal-Predeċessur tagħna Mons. Pietru Pace li b'Ittra Pastorali tal-11 ta' Marzu 1913, waqqaf il-knisja ta' Santa Venera bħala Viċi-Parroċċa filwaqt li ħalla t-tmexxija tagħha f'idejn il-Kommunita' Reliġjuża tal-Patrijiet Karmelitani. Minn dak iż-żmien 'l hawn rajna dejjem tajjeb il-bżonn kanoniku li nifirdu dak it-territorju minn kull irbit ieħor u minnu nifformaw Parroċċa oħra.*

*Ghalhekk wara li smajna l-ewwel il-parti l-aktar li għandha x'taqsam il-Kappillani ta' Hal-Qormi, Birkirkara, Msida u Hamrun, ħadna l-parir tal-Kapitlu tal-Kattidral tagħna u ksibna l-kunsens tar-Reverendissmu P. General ta' l-Ordni Karmelitan kif ukoll ir-reskritti tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju u tar-Reliġjużi, iddeċidejna li nwaqqfu l-Parroċċa l-ġdida ta' Santa Venera bil-qisien u t-territorju kif inhuma deskritti fil-Kurja tagħna.*

*Ghalhekk bl-awtorita' tagħna Ordinarja nwaqqfu l-Knisja [illegible] semmija bħala Knisja Parrokkjali, bid-drittijiet, privileġġi u d-dmirijiet li huma marbuta ma' kull Knisja Parrokkjali, filwaqt li nħalluha [illegible] dejjem f'idejn il-Kommunita' tal-Patrijiet Karmelitani tal-Provinċja Maltija.*

*Bħala Mexxej ta' din il-Parroċċa gdida ngħażlu bħala Kappillan bl-unuri kollha, drittijiet u pizijiet ta' kappillan il-W.R.P. Gwann M. Azzopardi ta' l-istess Ordni, imressaq lilna mill-W.R.P. Majjistru Spiridjun Vassallo, Provinċjal tal-Kommunita' tal-Patrijiet Karmelitani ta' Malta u lil dan il-Kappillan, magħżul minna għal tliet snin, il-fidili kollha li joqogħdu fit-territorju fuq imsemmi jeruh ubbidjenza, rispett, u qima b'qalb kbira għall-ġid spiritwali li jieħdu mingħandu taħt il-ħarsien ta' l-Imbierka Verġni Marija taħt it-titlu tal-Karmelu.*

*Mogħtija mill-Palazz Arċiveskovili tagħna fil-Belt Valletta, illum 4 ta' Settembru 1918.*

*Dun P. Vella Mangion B.A., D.D.*
*Kanċillier.*

*† Mawru O.S.B.*
*Arċ. Isqof ta' Malta*

*Id-Digriet li bih l-Isqof Dom Mauro Caruana għamel lil Sta. Venera Parroċċa fl-1918.*

Aktar bini li tela' kienu il-Palazz u l-Knisja ta' San Ġużepp li llum minflokhom hemm l-Istitut ta' San Ġużepp. Dan il-Palazz kien intuża bħala Kwartieri ġenerali tal-Maltin fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi. Xi nobbli Maltin kienu bnew dak li kien il-palazz l-aħmar li kien jinsab fi Triq Kanun u li illum sfortunatament ma fadal xejn minnu. Ma dawn ma nistgħux ma nsemmux in-numru kbir ta' irziezet u djar tal-kampanja li tista' tgħid li kienu imferrxin mar-raħal kollu. Barra xi triq l'hemm u l'hawn kien hemm il-Pjazza ewlenija ta' Sta. Venera karatteristika tar-raħal tagħna. Il-popolazzjoni f'dawn l-inħawi bdiet tikber ġmiela. Ftit qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija ġara li skond ix-xewqa tal-kanonċi Elenjani u ta' Dun Xand Ċortis li kien Rettur tal-Knisja ta' Sta. Venera inġiebu l-patrijiet Karmelitani. Fl-11 ta' Marzu 1913 l-isqof Pietru Paċe b'ittra Pastorali bidel dik il-Knisja rurali ta' Birkirkara f'waħda Viċi-Parrokkjali. Hekk ukoll kien għamel dik is-sena il-Knisja tal-Madonna tal-Ġebla ġewwa l-Gżira. Aktar tard Parroċċa b'limiti meħudin minn Tas-Sliema, l-Imsida, San Ġiljan u mill-istess Birkirkara. Daqs



*L-arkati ta' l-akkwadott fi Triq il-Kbira San Ġużepp f'Sta. Venera.*
*Ritratt: Mario Coleiro*

ħames snin u nofs wara, b'ittra Pastorali nhar l-Erbgħa ta' Settembru 1918, meta allura kienet tlaħħaq mal-elf u ħames mitt ruħ, l-Isqof Dom Mauro Caruana mexa pass ieħor il-quddiem billi waqqafa' Parroċċa għaliha bl-ewwel Kappillan tagħha ikun il-Patri Ġwann Azzopardi O. Carm. Il-Parroċċa ta' Santa Venera kienet is-seba' waħda maqtuha mill-Arċimatriċi ta' Birkirkara wara dik ta' Ħ'Attard, Ħal-Lija, Ħal-Balzan, l-Imsida, Tas-Sliema u San Ġiljan u qabel dik ta' l-Imsieraħ (San ĠWann). Mil-limiti kbar li ħadet minn Birkirkara, il-Parroċċa ta' Santa Venera ġiet megħjuna ukoll b'xi oħrajn mill-Ħamrun, l-Imsida u Ħal Qormi. Ħafna mill-limiti li ħadet mill-Ħamrun, kienu dawk stess li 73 sena qabel dak ir-raħal kien ħa minn Birkirkara stess. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu mill-limiti li ħadet mill-Imsida.

Dan il-pass kien importanti ħafna għall-iżvilupp Parrokkjali tar-raħal tagħna. Barra minn xi Istituti li kienu ġa eżistenti, bħall-Istitut ta' San Ġużepp u l-Konservatorju Vinċenzo Bugeja li issa kienu saru fil-limiti tal-Parroċċa ta' Sta. Venera, kif ukoll ma dawn wieħed ma jridx jinsa lill-Istitut ta' Ċini, żdied ukoll l-Istitut ta' Apap. Minn naħa tagħhom il-Patrijiet Karmelitani mill-ewwel bdew bil-ħidma Pastorali tagħhom. Fl-1919 inġiebet għall-ewwel darba il-Vara l-Ġdida ta' Santa Venera V.M. li baqgħet ta' kull sena tinħareġ Ħadd fuq is-26 ta' Lulju b'eċċezzjoni fi żmien il-gwerra meta il-Festi ma kienux saru. Din il-ħidma kollha kompliet inkoraġġiet lin-nies biex tgħammar f'dawn l-inħawi pero l-iktar li ħa spinta l-quddiem f'dik li hi popolazzjoni, Sta. Venera kien meta faqqgħet it-tieni gwerra dinjija u għalhekk dawn l-inħawi bħal dawk tal-Ħamrun, Birkirkara w irħula oħrajn, imtlew b'nies li kienu refuġġjati ġejjin mill-Belt Valletta, Furjana w il-Kottonera. Dan ma jfissirx li Sta. Venera ma daqqx il-kruha tal-gwerra. Proprju fl-1 ta' Ġunju 1942 bomba ta' ħames mitt libra waqgħet fil-ġnien tal-Kunvent tal-Knisja l-Qadima iżda fortunátament din ma splodietx. Mhux l-istess nistgħu ngħidu għall-bombi li waqgħu fi Triq il-Kbira San Ġużepp, li fost l-oħrajn qerdu għal-kollox il-Palazz tas-Sinjuri Apap. Illum minfloku insibu l-Istitut ta' Apap. Ma tmiem il-Gwerra bdiet iktar tinħass il-ħtieġa li tinbena Knisja kbira. L-ewwel proġett li l-Patrijiet Karmelitani, ta' Sta. Venera, wettqu, kien proprju l-bini tal-Knisja li ngħidulha tal-Fleur de-Lys. L-ewwel ġebla tagħha tqegħdet nhar il-14 ta' Jannar 1945. Fil-31 ta' Diċembru 1946 din il-Knisja ġiet imbierka u miftuħa għall-pubbliku u ġie mlaħħaq bħala Pirjol l-ex Kappillan ta' Sta. Venera r-Rev. P. Alphons Zammit O. Carm. Minħabba il-firxa kbira tar-raħal xorta l-Patrijiet bdew isibuha bi tqila biex illaħħqu mal-Parruċċani li kienu joqgħodu in-naħa ta' Triq il-Kbira San Ġużepp. Għaldaqstant fl-20 t'Ottubru 1947 iddeċidew li jibdew jużaw, bħala Knisja temporanja, maħżen kbir magħruf bħala tax-Chateau Lonz li għal xi żmien kien jintuża mir-Royal Air Force. Pero dan ma kienx biżżejjed il-popolazzjoni fuq din ix-xaqliba kompliet tiżdied ġmielha. Għaldaqstant fl-24 ta' Jannar 1956, il-Patrijiet ħattru l-ewwel Kummissjoni għall-bini tal-Knisja l-Ġdida fuq biċċa art li kienu parti ma biċċa



*Fir-ritratt naraw il-ftuħ tal-"Miriam Hall"*
*Ritratt: Ħajr Michael Zerafa*

proprjeta tagħhom. Ix-xogħol inbeda minnufih fuq il-Kripta li kellha tinbena biex jinġieb id-diżlivell ma' Triq il-Kbira San Ġużepp. Fil-21 ta' Lulju 1968 infetħet l-ewwel parti ta' din il-Kripta jiġifieri l-Miriam Hall meta proprju kienu qegħdin jiġu ċċelebrati egħluq il-Ħamsin Sena mit-twaqqif tal-Parroċċa.
Sena wara, nhar il-Festa ta' San Ġużepp, jiġifieri fid-19 ta' Marzu 1969. sar il-ftuħ u t-tberik ta' din il-Kripta li bdiet tintuża bħala Knisja u taqdi sewwa l-ħtiġijiet tal-poplu li kien tant kiber li ftit tas-snin wara l-Patrijiet ħassew il-ħtieġa li jinfetaħ Kunvent ieħor propju f'din il-Kripta. Il-progress li beda jagħmel ir-raħal tagħna wara li kien ilu diġa ħamsin sena Parroċċa kien tajjeb ħafna. Meta tara il-mod ta' kif żvolġiet il-ħajja soċjali bħal per eżempju ftuh ta' skejjel, kemm tal-gvern kif ukoll privati, bħal ngħidu aħna il-Mount Carmel College ta' l-istess Patrijiet Karmelitani li nfetaħ f'Ottubru ta' l-1970. Bdejna naraw xi fabbriki u anke ħwienet saħansitra uffiċċji pubbliċi w illum il-ġurnata anke Ministeri.



*Dan ir-ritratt juri il-Kripta tal-Knisja l-Ġdida qegħda ġebel u saqaf biss.
Ritratt: Ħajr Michael Zerafa.*



*Dehra Ġenerali tar-raħal tagħna Sta. Venera. Ir-ritratt ittieħed minn fuq il-Knisja ta' San Ġużepp. Nirringrazzjaw lill-Komunita ta' din il-Knisja.
Ritratt: Mario Ċoleiro*

Għalkemm kienu għaddew 20 sena, ix-xogħol fuq il-bini tal-Knisja ma kienx waqaf. Sar xi xogħol fl-impenn tal-Kripta biex din setgħet taqdi aħjar il-ħtiġijiet ta' Knisja. Kien proprju fid-19 ta' Marzu 1989 meta l-Pirjol, ir-Rev. P. Franġisk Grech O. Carm. ħabbar li ser it-tkomplija ta' dan il-proġett u l-bidu tal-bini proprju tal-Knisja l-Ġdida. Fl-3 ta' Diċembru 1989 Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, ħareġ id-digriet li bih trasferixxa l-Parroċċa mill-Knisja l-Qadima u Matriċi għall-Kripta li bdiet



*Fir-ritratt naraw l-ewwel ġebla qegħda titpoġġa mir-Rev. P. Leonard Mahoney Provinċjal ta' dak iż-żmien. Fir-ritratt jidhru wkoll iż-żewġ Parrini li qegħdin fil-ġnub tar-ritratt.
Ritratt: Tufigno Photo Studio, Valletta.*

taqdi d-dmirijiet ta' Knisja Parrokkjali sakemm jitlesta l-bini tal-Knisja l-Ġdida. Minn dak iż-żmien l'hawn ix-xogħol mexa ġmielu. It-tqegħid uffiċċjali ta' l-ewwel ġebla sar nhar is-6 t' Ottubru 1990.



*Parti mix-xogħol li qed isir fil-Knisja. - Ritratt: Mario Coleiro*

Minn dak inhar l'hawn, ix-xogħol avvanza ħafna u tista tgħid li l-Knisja iffurmat sewwa. Din il-Knisja ser tkun l-akbar monument li qatt kellu r-raħal tagħna li għalkemm bħala raħal ilu jeżisti l-mijiet tas-snin tista tgħid li bħala Parroċċa għadu żagħżugħ.



*Mudell tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali l-Ġdida Ħajr: Komunita Karmelitana*

Illum tista tgħid li Sta. Venera sar wieħed mill-irħula kbar ta' Malta li tista ssejjaħlu wkoll raħal kummerċjali u modern moni bi storja li tagħmlilna unur li aħna Vendriżi.

Tagħrif u kitba: Mario Coleiro.